Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-28 ta' Ġunju 2012

li tawtorizza l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti li jkun fihom, li jikkonsistu minn, jew li jkunu prodotti mis-sojja MON 87701 × MON 89788 (MON-877Ø1-2 × MON-89788-1) ġenetikament modifikata skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument numru C(2012) 4312)

(It-testi bil-Franċiż u bl-Olandiż biss huma awtentiċi)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2012/347/UE)

(ĠU L 171, 30.6.2012, p. 13)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1579 tat-18 ta' Settembru 2019	L 244	8	24.9.2019
►M2	Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzojni tal-Kummissjoni (UE) 2021/184 tat-12 ta' Frar 2021	L 55	4	16.2.2021

▼B

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-28 ta' Ġunju 2012

li tawtorizza l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti li jkun fihom, li jikkonsistu minn, jew li jkunu prodotti mis-sojja MON 87701 × MON 89788 (MON-877Ø1-2 × MON-89788-1) ġenetikament modifikata skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument numru C(2012) 4312)

(It-testi bil-Franċiż u bl-Olandiż biss huma awtentiċi)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2012/347/UE)

Artikolu 1

L-organiżmu ġenetikament modifikat u l-identifikatur uniku

Is-sojja MON 87701 × MON 89788 ġenetikament modifikata hu assenjat l-identifikatur uniku MON-877Ø1-2 × MON-89788-1, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 65/2004.

Artikolu 2

L-awtorizzazzjoni

Il-prodotti li ġejjin huma awtorizzati għall-finijiet tal-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni:

(a) ikel u ingredjenti tal-ikel li fihom, li jikkonsistu minna, jew li huma prodotti mis-sojja MON-877Ø1-2 × MON-89788-1;

(b) għalf li fih, li jikkonsisti minn, jew hu prodott mis-sojja MON-877Ø1-2 × MON-89788-1;

(c) Is-sojja MON-877Ø1-2 × MON-89788-1 preżenti fi prodotti għajr ikel u għalf li fihom jew li jikkonsistu minnha, għall-istess użu bħal kwalunkwe sojja oħra bl-eċċezzjoni tal-kultivazzjoni.

Artikolu 3

L-ittikkettjar

1. Għall-finijiet tar-rekwiżiti tal-ittikkettjar stipulati fl-Artikolu 13(1) u l-Artikolu 25(2) tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 u fl-Artikolu 4(6) tar-Regolament (KE) Nru 1830/2003, l-"isem tal-organiżmu" għandu jkun "sojja".

2. Il-kelmiet "mhux għall-kultivazzjoni" għandhom jidhru fuq it-tikketta, u fid-dokumenti li jakkumpanjaw il-prodotti li fihom jew li jikkonsistu mis-sojja MON-877Ø1-2 × MON-89788-1 li jissemmew fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 2.

▼B

Artikolu 4

Il-monitoraġġ tal-effetti ambjentali

1. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jiżgura li l-pjan ta' monitoraġġ tal-effetti ambjentali, kif inhu stipulat fil-punt (h) tal-Anness, jiddaħħal fis-seħħ u jiġi implimentat.

2. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jissottometti lill-Kummissjoni rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati tal-attivitajiet imfassla fil-pjan ta' monitoraġġ b'konformità mad-Deċiżjoni 2009/770/KE.

Artikolu 5

Ir-reġistru tal-UE

It-tagħrif stipulat fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni għandu jiddaħħal fir-reġistru tal-UE tal-ikel u l-għalf ġenetikament modifikati, kif stipulat fl-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003.

▼M2

Artikolu 6

Detentur tal-awtorizzazzjoni

Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jkun Bayer CropScience LP, l-Istati Uniti tal-Amerka, irrappreżentat fl-Unjoni minn Bayer Agriculture BV, il-Belġju.

▼B

Artikolu 7

Il-validità

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għal perjodu ta' 10 snin mid-data tan-notifika tagħha.

▼M2

Artikolu 8

Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil Bayer Agriculture BV, Scheldelaan 460, 2040 Antwerp, il-Belġju.

▼B

ANNESS

▼M2

(a) **Applikant u detentur tal-awtorizzazzjoni**

Isem: Bayer CropScience LP

Indirizz: 800 N. Lindbergh Boulevard, St. Louis, Missouri 63167, l-Istati Uniti tal-Amerka

Irrappreżentat minn Bayer Agriculture BV, Scheldelaan 460, 2040 Antwerp, il-Belġju.

▼B

(b) **Id-denominazzjoni u l-ispeċifikazzjoni tal-prodotti**

(1) ikel u ingredjenti tal-ikel li fihom, li jikkonsistu minna, jew li huma prodotti mis-sojja MON-877Ø1-2 × MON-89788-1.

(2) għalf li fih, li jikkonsisti minn, jew hu prodott mis-sojja MON-877Ø1-2 × MON-89788-1.

(3) prodotti għajr ikel u għalf li fihom jew li għandhom jew jikkonsistu mis-sojja MON-877Ø1-2 × MON-89788-1 għall-istess użu bħal kwalunkwe sojja oħra ħlief għall-kultivazzjoni.

Is-sojja MON-877Ø1-2 × MON-89788-1 ġenetikament modifikata, kif deskritt fl-applikazzjoni, hija prodotta minn taħlit bejn is-sojja li fihom l-avvenimenti MON-877Ø1-2 u MON-89788-1 u tesprimi l-proteina Cry1Ac li tagħti protezzjoni kontra ċerti parassiti lepidotteri u l-proteina CP4 EPSPS li tagħti tolleranza għall-erbiċida tal-glifosat.

(c) **L-ittikkettjar**

(1) Għall-finijiet tar-rekwiżiti speċifiċi tal-ittikkettjar stipulati fl-Artikolu 13(1) u l-Artikolu 25(2) tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, u fl-Artikolu 4(6) tar-Regolament (KE) Nru 1830/2003, l-"isem tal-organiżmu" għandu jkun "sojja".

(2) Il-kelmiet "mhux għall-kultivazzjoni" għandhom jidhru fuq it-tikketta, u fid-dokumenti li jakkumpanjaw il-prodotti li fihom jew li jikkonsistu mis-sojja MON-877Ø1-2 × MON-89788-1 li jissemmew fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni.

(d) **Metodu ta' investigazzjoni**

— Metodu fil-ħin reali speċifiku għall-avveniment ibbażat fuq il-PCR għall-kwantifikazzjoni tas-sojja MON-877Ø1-2 × MON-89788-1,

— Ivvalidat fuq żrieragħ mil-Laboratorju Komunitarju ta' Referenza stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003, ippubblikat fuq http://gmo-crl.jrc.ec.europa.eu/statusofdoss.htm

— Materjal ta' Referenza: AOCS 0809-A u AOCS 0906-A (għall-MON87701) u AOCS 0906-B u AOCS 906-A (għall-MON89788) aċċessibbli permezz tal-American Oil Chemists Society fuq http://www.aocs.org/tech/crm

(e) **Identifikatur uniku**

MON-877Ø1-2 × MON-89788-1

(f) **It-tagħrif meħtieġ skont l-Anness II tal-Protokoll ta' Kartaġena dwar il-Bijosikurezza mal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika**

Clearing House tal-Bijosikurezza, Rekord ID: ara [*għandu jimtela meta notifikat*]

(g) **Il-kundizzjonijiet jew ir-restrizzjonijiet dwar it-tqegħid fis-suq, l-użu jew it-trattament tal-prodotti**

Mhux meħtieġa.

▼B

(h) **Il-pjan ta’ monitoraġġ**

Il-pjan ta’ monitoraġġ għall-effetti ambjentali konformi mal-Anness VII tad-Direttiva 2001/18/KE.

[Link: *il-pjan se jiġi ppubblikat fuq l-Internet*]

(i) **Rekwiżiti ta’ monitoraġġ wara t-tqegħid fis-suq għall-użu tal-ikel għall-konsum mill-bniedem**

Mhux meħtieġa.

Nota: il-links għal dokumenti rilevanti jista’ jkollhom bżonn jiġu emendati minn żmien għall-ieħor. Dawk il-modifiki se jkunu disponibbli għall-pubbliku permezz tal-aġġornament tar-reġistru tal-UE tal-ikel u l-għalf ġenetikament modifikati.